MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 544/2007

**Talba Nru: 544/07 PBC**

**Chef Choice Limited – C 14565**

**-vs-**

**Louis Sargent – I.D. 962647(M)**
**ezercenti l-kummerc bl-isem Lisa Deli**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elfejn, disa' mija u erbgha u erbghin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€2,944.75) – (Lm1,264.18c) rapprezentanti bilanc mhux imhallas fuq merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut u dana oltre l-interessi fuq l-istess ammont u spejjez legali sad-

data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma t'elfejn, disa' mija u erbgha u erbghin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€2,944.75) – (Lm1,264.18c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------